# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): April 2024

**NR 091/2024** **Data tal-Ħruġ: 17 ta' Mejju 2024**

*F'April 2024, ir-rata annwali tal-inflazzjoni kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet ta' 2.4 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 2.7 fil-mija rreġistrata fix-xahar ta' qabel.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'April 2024, l-ogħla rati annwali ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (5.3 fil-mija) u fl-Edukazzjoni (4.8 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-Komunikazzjoni (-11.6 fil-mija) u r-Rikreazzjoni u l-kultura (-0.9 fil-mija) irreġistraw l-aktar rati annwali baxxi tal-inflazzjoni (Tabella nri 1 u 3).

## Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




F'April 2024, l-akbar kontribuzzjoni pożittiva lill-inflazzjoni annwali ġiet mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+0.93 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-ħalib. It-tieni u t-tielet l-akbar kontribuzzjonijiet lill-inflazzjoni kienu nnotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+0.61 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Prodotti u servizzi mixxellanji (+0.36 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla fis-servizzi tar-ristoranti u l-prodotti għall-indafa personali, rispettivament.

L-akbar kontribuzzjonijiet negattivi lill-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.45 punti perċentwali) u fl-Indiċi tar-Rikreazzjoni u l-kultura (-0.07 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet inqas tas-servizzi tal-mowbajl u l-pakketti tal-ivvjaġġar, rispettivament (Ċart nru 2, Tabella nru 4).

## Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

April 2024




Noti:

1. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.
2. Serje kronoloġika fid-dettall ta' dawn iċ-ċifri qiegħda f'Tabella nru 4.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-konsumatur ta' Malta mal-aħħar ċifri taż-żona tal-ewro. F'April 2024, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 2.4 fil-mija, l-istess rata rreġistrata fiż-żona tal-ewro[1] (Ċart nru 3).

[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

## Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




Sors: NSO u Eurostat.